MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 113/2013/1

**Cassar Ship Repair Limited**

**v.**

**Carmelo Caruana Company Limited**

Dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju 2013 li bih cahdet talba ta' Carmelo Caruana Co. Ltd maghmul b'rikors tal-25 ta' April 2013 ghall-kjamata fil-kawza tal-kumpanija estera Clydesdale Bank Asset Finance Ltd.

F'din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob hlas allegatament dovut lilha bhala depozitarja tal-bastiment "Mac Surveyor",

liema bastiment hu proprjeta` tas-socjeta` konvenuta. Din is-socjeta` eccepiet *inter alia* illi hija mhux il-legittima kontradittrici unika ghall-pretenzjonijiet tal-attrici, li ghandhom jigu indirizzati wkoll lis-socjeta` estera Cyldesdale Bank Asset Finance Ltd. Is-socjeta` konvenuta tghid li l-hsieb taghha kien li tbiegh dan il-vapur fi zmien qasir, pero` giet frustrata fil-hsieb taghha bil-hrug ta' mandat li inhareg fuq talba tal-kumpanija estera. Tissottometti allura li parti sostanzjali mill-ammont allegatament dovut lis-socjeta` attrici huwa pagabbli minn din il-kumpanija estera li bl-agir taghha qed izomm milli jinbiegh il-bastiment. Ghalhekk talbet li tigi msejha fil-kawza.

Is-socjeta` attrici topponi din it-talba ghax tghid li l-kuntratt ta' servizz hu biss bejnha u s-socjeta` konvenuta, u ma ghandha ebda relazzjoni ma' Clydesdale Bank Asset Finance Ltd.

Din il-Qorti, wara li trattat l-appell, tara li ghandha taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti. Is-socjeta` estera dahlet fil-materja wara li harget mandat ta' deskrizzjoni fuq is-*survey equipment* li hemm fuq il-vapur u fethet kawza kontra s-socjeta` konvenuta fejn qed titlob kanonizazzjoni tal-pretensjoni taghha. Minhabba dawn il-proceduri, is-socjeta` konvenuta qed tkun impeduta milli tbiegh il-bastiment. Fil-kwistjoni ta' bejn is-socjeta` estera u dik konvenuta s-socjeta` attrici ma ticcentrax. Din il-kawza hija intiza ghall-hlas tas-servizzi li s-socjeta` attrici rrendiet lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu ta' din l-ahhar socjeta`. Din l-azzjoni taghha ma ghandhiex tigi mxekka bi kwistjoni li maghha ma ghandhiex x'taqsam, u lanqas minhabba l-allegat jedd ta' rivalsa li s-socjeta` konvenuta jista' jkollha versu dik estera ma ghandha toqghod tistenna l-ezitu tal-kawza l-ohra qabel ma tigi deciza l-kawza taghha. Ghandhiex jew le ragun is-socjeta` estera li timpedixxi l-bejgh tal-bastiment hi materja li trid tigi deciza f'kawza ohra, u ghalkemm tali decizjoni tista' tinfluwixxi fuq id-dritt ta' rivalsa pretiz mis-socjeta` konvenuta dan ma ghandux ikun ta' tfixkil ghall-azzjoni attrici.

Is-socjeta` attrici tiddikjara b'mod car illi l-azzjoni taghha hi bbazata fuq kuntratt bejnha u s-socjeta` konvenuta, u l-kaz irid, allura, jimxi fuq dawk il-binari, u s-socjeta` estera ma tistax, almenu kif jidhru l-affarijiet f'dan l-istadju, twiegeb ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant, l-appell tas-socjeta` Carmelo Caruana Co. Ltd qed jigi michud, u d-digriet tal-ewwel Qorti tat-22 ta' Mejju 2013, ikkonfermat; l-atti ghandhom jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex din tkompli tisma' l-kaz.

L-ispejjez marbuta ma' dan l-incident jithallsu mis-socjeta` konvenuta appellanti Carmelo Caruana Co Ltd.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------